MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 622/2014

**M. Demajo (Timbers) Limited (C750)**

**Vs**

**David Dimech (ID 396278M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-intimat huwa debitur tas-Socjeta' attrici fis-somma ta' tlett elef, mitejn u hdax il-ewro u hamsa u tmenin centezmu (€3,211.85c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' parquet u xoghol relattiv moghti lill-intimat, u dan kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat (Dok A), oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-intimat gie 'nterpellat sabiex ihallas din is-somma izda baqa' 'nadempjenti.

Ghaldaqstant l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas lis-Socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tlett elef, mitejn u hdax il-ewro u hamsa u tmenin centezmu (€3,211.85c) u dan oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjezu drittijiet ta' dawn il-proceduri nkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, kontra l-intimat mil-lum ingunt ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-18 ta' Novembru, 2014 mill-Avukat Dr Jeanelle Cachia u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u hdax il-ewro u hamsa u tmenin centezmu (€3,211.85c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------